

32000D0204

L 70/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

18.3.2000

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI  
ta' l-24 ta' Jannar 2000**

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet  
Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra**

(2000/204/EC, KEFA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,  
IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara konsultazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv u l-ftehim unanimu tal-Kunsill,

Wara li kkunsidraw il-kunsens tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussel fis-26 ta' Frar 1996, għandi jkun approvat,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, il-Protokollu annessi miegħu u d-Dikjarazzjonijiet u Skambji ta' Ittri meħmuża ma' l-Att Finali huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

It-testi tal-Ftehim, tal-Protokollu u l-Att Finali huma meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Il-posizzjonijiet li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandha tkun stabbilita mill-Kunsill, wara proposta mill-Kummissjoni, jew, fejn xieraq, mill-Kummissjoni, kull wiehied/waħda minnhom skond id-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

2. Il-President tal-Kunsill għandu, skond l-Artikolu 79 tal-Ftehim, jippresiedi l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u jippreżenta l-pożizzjoni tal-Komunità. Rappreżentant tal-President tal-Kunsill għandu jippresiedi l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, skond l-Artikolu 82 tal-Ftehim, u jippreżenta l-pożizzjoni tal-Komunità.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu jiddepōzita l-att ta' notifika li jipprovdi għalih l-Artikolu 96 tal-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea. Il-President tal-Kummissjoni għandu jiddepōzita dak l-att f'isem il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Jannar 2000.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

R. PRODI

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. GAMA

<sup>(1)</sup> ĠU C 181, 24.06.99, p. 15.